MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1170/1998/1

**Timothy Borg**

**vs**

**Dolphin Supermarkets Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta u waqt l-impjieg tieghu saret l-allegazzjoni li huwa kien misapproprija ruhu minn fondi ta' l-imsemmija socjeta';

Illi huwa persuna riservata u timida f'dak il-mument daru madwaru membri tas-socjeta' konvenuta b'mod li huwa gie sfurzat kontra r-rieda tieghu li ffirma dokument (markat ADS) fit-22 t'Awissu 1997 fejn fost diversi dikjarazzjonijiet huwa ha responsabilita' ghas-somma ta' erba' mitt lira (Lm400);

Illi din id-dikjarazzjoni ma hix valida ai termini tal-ligi billi giet mehuda kontra l-volonta' libera tieghu u ghalhekk qieghed hawn jipprocedi sabiex jrendiha nulla;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti:

1. ma ghandhiex tiddikjara li d-dikjarazzjoni ffirmata mill-attur fit-22 t'Awissu 1997 u markata bhala dokument ADS hija nulla u bla ebda validita' legali billi giet mehuda kontra l-volonta' libera ta' l-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi mhux minnu illi kienet saret xi forma ta' pressjoni fuq l-attur biex hu jiffirma d-dikjarazzjoni, esebita f'dan il-process Dok. A, izda fil-fatt l-attur iffirma dina l-istess dikjarazzjoni volontarjament, u ghaldaqstant tali dikjarazzjoni ghandha tigi meqjusa bhala valida ghall-effetti kollha tal-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lill-attur u x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2000;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta konvenuta;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li l-attur kien ghamel diversi snin impjegat mas-socjeta' konvenuta u fiz-zmien in kwestjoni huwa kien "supervisor" cioe "floor manager". Jirrizulta li fost il-mansjonijiet tieghu l-attur kien jiehu hsieb l-impjegati l-ohra fis-"supermarket" tas-socjeta konvenuta kif wkoll kien jiehu hsieb il-flus li jkun hemm fil-"cash registers" cioe r-rikavat tal-bejgh. Fil-kors ta' dan l-impieg u partikolarment fit-22 ta' Awissu 1997 l-attur iffirma dikjarazzjoni fis-sens li huwa volontarjament kien qed jirresenja mill-imsemmi impieg minhabba li fi tlett okkazjonijiet kien naqas li jippresenta r-rendikont tal-bejgh u l-ammonti relattivi li kienu ta' circa erba mitt liri maltin (Lm400). Fl-istess dikjarazzjoni l-attur accetta responsabilita ghall-imsemmija somma. (Vide Dokument A a fol.3);

L-attur jippretendi li hu persuna riservata u timida u fil-mument li giet iffirmata l-imsemmija dikjarazzjoni kien imdawwar minn ufficjali u impjegati ohra tas-socjeta' konvenuta b'mod li huwa gie sfurzat kontra r-rieda tieghu li ffirma l-imsemmi dokument. L-attur ghalhekk qed jippretendi li din id-dikjarazzjoni mhux valida skond il-ligi billi giet mehuda kontra l-volonta' libera tieghu. L-attur qed jitlob li l-imsemmi dokument jigi dikjarat null;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li mhux minnu li saret xi forma ta' pressjoni fuq l-attur biex jiffirma d-dikjarazzjoni in kwestjoni, liema dikjarazzjoni giet effetivament iffirmata volontarjament. Ghalhekk l-istess dikjarazzjoni hi valida ghall-effetti kollha tal-ligi;

L-imsemmija pretensjonijiet tal-attur ma jirrizultawx sufficjentement ippruvati;

Difatti l-istess attur jammetti li kien hu li kiteb id-dokument in kwestjoni. L-attur jghid li in effett huwa nizzel f'din id-dikjarazzjoni dak li kien qed jigi dettat lilu minn zewg "managers" cioe' Joe Degabriele u Ray Mifsud. L-attur ma rnexxilux jipprova li huwa ffirma dan id-dokument taht pressjoni kbira mill-imsemmija "managers". Huwa jghid li l-imsemmija zewg managers kienu qed jghajtu u kienu qed jghamlu hafna storbju. Huwa jghid li gie mhedded li kien ser isir rapport lill-pulizija jekk ma jammettix;

Fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-attur, meta ffirma d-dikjarazzjoni in kwestjoni, hu normali li ssir referenza ghar-rapport li jista jsir lill-pulizija. Lanqas ma jista jigi eskluz li, fl-istess cirkostanzi, kien hemm ukoll xi storbju. Ma jistax jinghad pero' li l-kundizzjonijiet kienu tali li l-attur kien taht pressjoni li ma setghetx tigi reisistita minnu. Jekk ried l-attur seta' jirrifjuta li jiffirma l-imsemmija dikjarazzjoni. L-attur stess jghid li r-relazzjoni tieghu mal-imsemmija zewg managers kienet tajba hafna. Jirrizulta ukoll li l-attur kien ilu jahdem mas-socjeta konvenuta ghal zmien twil u ghalhekk huwa kien qieghed f'ambjent li ghalih kien familjari, kif ukoll kien imdorri bil-presenza tal-imsemmija managers, li fil-fatt hu kien iqies li kienu hbieb tieghu;

Inoltre l-attur jammetti li ma kienx hemm theddid fiziku. L-attur jallega li fid-dokument in kwestjoni hemm affarijiet li mhux minnhom. Gia gie rilevat li jekk ried l-attur seta jirrifjuta li jnizzel dan il-kliem u seta' ghazel li ma jiffirmax id-dokument. Inverosimilment l-attur jghid li huwa ffirma meta ma kienx jaf x'fih id-dokument u fl-istess hin huwa jammetti li kien huwa stess li kiteb l-istess dokument;

Gew prodotti biex jixhdu l-imsemmijin Joseph Degabriele u Ray Mifsud. Dawn  ikkonfermaw li l-attur kien ammetta li

huwa kien ha xi haga tal-flus appartenenti lis-socjeta konvenuta. Huma eskludew li kien hemm xi theddid jew minacci fil-konfront tal-attur meta ffirma d-dikjarazzjoni in kwestjoni. Difatti l-figura li tnizzlet fl-istess dokument tnizzlet mill-attur minn jeddu. Huma ukoll ikkonfermaw li ma saret l-ebda pressjoni zejda fuq l-attur;

L-imsemmija zewg xhieda qalu ukoll li dak il-hin l-attur kien jidher li qed jibza u seta' kien fi stat ta' paniku, tant li f'hin minnhom l-attur beda jibki. Fic-cirkostanzi prevalenti li kien jinsab fihom l-attur ma jistax jigi eskluz li wiehed ikun taht tensjoni mhux normali. Dan pero' ma jfissirx li dak kollu li ghamel l-attur f'dawk il-mumenti ghandu jitqies li sar taht pressjoni jew li l-attur ma kienx liberu li jghazel x'ghandu jghamel;

F'dawn ic-cirkostanzi kollha ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tal-attur jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk it-talbiet tieghu ghadhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-attur;

Spejjez kontra l-attur.

-------------------------------TMIEM-------------------------------